KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5/24

20 ta' Marzu 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Is-Sur Christopher Bruno, Kunsillier informa li mhux ser jattendi għal-laqgħa u talab sabiex jiġi skużat.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**5.24.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

5.24.1.1 Ma kellniex.

**5.24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

5.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

5.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Vincent Bongailas u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 5.24 ġew approvati unanimament.

5.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**5.24.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

1.24.4.5 **Kalkara Fun Walk**

Is-Sindku nfurma lill-Kunsilliera illi s-somma miġbura għall-Kalkara Fun Walk li saret il-Ħadd 18 ta' Frar 2024 kienet ta' € 850 u li ġew preżentati li l-Gwardjan tal-Kappuċċini nhar il-Ħamis 29 ta' Frar 2024.

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Il-Sindku ta' aġġornament lill-Kunsilliera bl'aħħar żviluppi dwar il-pjan tar-riġenerazzjoni taż-Żona tax-Xewkija. Informa l-Kunsill illi fil-5 ta' Marzu 2024, is-Sindku flimkien mas-Sur Gino Cauchi, Chief Executive Officer, tal-GHRC tellgħu laqgħa informattiva ġewwa l-Esplora għas-sidien li għandhom d-dgħajsa jew xi opra tal-baħar fiż-Żona tax-Xewkija. Is-sidien ġew infurmati illi l-GHRC ser tkun qed tieħu ħsieb ix-xogħol infrastrutturali filwaqt li l-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed jamministra iż-żona. Il-laqgħa ntlaqgħat tajjeb ħafna mis-sidien tad-dgħajjes. Is-Sindku kif ukoll is-Sur Cauchi rringrazzjaw lil kull ressaq suġġerimenti u li nfurmawhom li ser jaġġornawhom bl-iżviluppi b'mod parikolari bid-data meta għandhom jitneħħew id-dgħajjes u l-post alternattiv fejn jistgħu jqiegħdu l-dgħajjes u l-karrijiet tagħhom sakemm jitlesta x-xogħol infrastrutturali.

Is-Sindku nfurma l-Kunsill illi bħalissa qed tiġi ddraftjat l-bye-law biex il-Kunsill ikun jista' jamministra ż-żona. Żied jgħid illi s-sidien tad-dgħajjes reġistrati mat-Transport Malta ser jiġu nfurmati permezz ta' ittra li sal-10 t'April 2024 għandhom ineħħu d-dgħajsa tagħhom. Sar ukoll arranġament mal-Kunsill Lokali Birgu biex jingħata post alternattiv sakemm jitlesta x-xogħol infrastrutturali sabiex iqiegħdu d-dgħajsa tagħhom fl-post iddentifikat ġewwa l-Birgu li jinsab metri `il-bogħad miż-żona tax-Xewkija dan wara s-suġġeriment li tressaq mis-sidien tad-dgħajjes.

Wara l-10 t' April 2024, l-uffiċjali tat-Transport Malta ser ineħħu d-dgħajjes li jkunu għadhom fiż-żona tax-Xewkija u jitqiegħdu fil-Marsa Ship Building. Fil-15 t' April 2024, huwa pjanat li jibda x-xogħol infrastrutturali li għandu jieħu bejn 8 u 10 ġimgħat.

4.24.4.5 **Nomina għal Premju Mara 2023/2024**

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera illi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet intagħżlet is-Sa Miriam Lia biex tirrappreżenta lill-Kalkara għal Premju Mara. Fit-8 ta' Marzu 2024, is-Sindku akkumpanja lis-Sa Lia ġewwa l-Villa Francia, Ħal Lija wara l-istedina li kellha mingħand Dr. Lydia Abela, l-mara tal-Prim Ministru ta' Malta. Is-Sa Lia rċeviet rikonoxximent bħala l-mara nominata mil-lokalita` tal-Kalkara.

**5.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

5.24.4.1 **Laqgħa mad-Direttorat ta' Clean Malta**

Fis-6 ta' Marzu 2024, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttorat ta' Clean Malta fejn ġiet diskussa l-materja dwar it-tindif fil-lokalita` tal-Kalkara kif ukoll mil-mezzi ta' assistenza oħra li jista' joffri dan id-Direttorat.

Is-Sur Glen Bedingfield, is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika u s-Sur Ramon Deguara, id-Direttur Generali ta' Clean Malta infurmaw li ġiet allokata magna tad-tindif għall-Kottonera. Ta' kuljum din il-magna qegħda ddur l-ixtut tal-Kottonera nkluż il-Kalkara biex tiġborl-iskart. Apparti minnhekk, id-Direttorat ikkonċernat alloka magna tat-tindif oħra biex tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali Kalkara.

5.24.4.2 **30 Sena Anniversarju minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali**

Fis-16 t' April 1994 ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali u bħala tfakkira mit-30 sena anniversarju, is-Sindku ippropona li ssir ċerimonja fis-16 t' April 2024 sabiex jiġu rikonoxxuti l-persuni li kienu ta' servizz lill-Kunsill Lokali. Dawn jinkludu Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi. L-istedina għandha tkun estiża wkoll għall-familjari tagħhom. Żied jgħid illi matul iċ-ċermonja għandu jingħata *token* lil kull persuni bħala rikonoximent tas-servizz tagħhom lejn il-Kunsill Lokali. Fil-Kunsill Lokali għandha titwaħħal plakka kommemorattiva fl-għeluq ta' 30 sena minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali Kalkara.

5.24.4.3 **Festa Ħelu**

Għat-tielet edizzjoni ser tittella' l-attivita` Festa Ħelu ġewwa l-bajja ta' Rnella. Bħal kull edizzjoni preċedenti, din l-attivita' ser issir fit-tlett ġimgħat wara l-festa tal-Għid il-Kbir. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din l-attivita`.

5.24.4.4 **Kappillan Ġdid**

Fil-ġranet li għaddew ġie mħabbar uffiċjalment li l-kappillan tal-Kalkara, Fr Brian Gialanzé ser jispiċċa minn kappillan tal-Paroċċa tal-Kalkara. Is-Sindku kien f'kommunikazzjoni mal-kappillan u qiegħed jippropona li ssir stedina bħala ringrazzjament. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll illi fl-14 t' April 2024, ser ikun hemm quddiesa bħala ringrazzjament fil-Knisja Parrokjali tal-Kalkara.

**5.24.5 Korrispondenza**

Ma kienx hemm.

**5.24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**Is-Sa Maria Sultana, Kunsilliera**

5.24.6.1 **Jum il-Librerija**

Bħal kull sena ser tiġi orġanizzata Jum il-Librerija. Din l-attivita' ser issir fil-21 ta' Mejju 2024 li fiha ser jiġu mistiedna studenti li jattendu l-iskola tal-Primarja ġewwa l-Kalkara.

**Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

5.24.6.2 **Żieda fid-domanda għat-Trasport Pubbliku fl-akkwati ta' SmartCity (Rotta 213)**

Is-Sa Chircop spjegat illi wara ftuħ tax-Shoreline, l-istabbiliment ġewwa SmartCity, ġie nnutat żieda fid-domanda għas-servizz tat-trasport pubbliku b'mod partikolari l-ħaddiema li qegħdin jaħdmu f'dan l-istabbilment.

Is-Sindku żied jgħid illi ċertament il-Kalkara m'għandix lokalita' ta' 10 snin ilu għalhekk hemm il-ħtieġa li jkun hemm reviżjoni tas-servizz tat-trasport. Is-Sindku ser jagħmel laqgħa mall-Awotrita' tat-Trasport Pubblika fuq dan ir-rigward u ser jinforma l-Kunsill bl-eżitu.

5.24.6.3 **Inkonvenjent fi Triq Santu Rokku**

Is-Sa Chricop resqet ilment dwar ċertu parkeġġi li qed joħolqu inkonvenjent lir-residenti ġewwa Triq Santu Rokku.

5.24.6.4 **Ritratti tal-Kunsilli ta' Leġislaturi Preċedenti**

Is-Sa Chricop rrimarkat illi r-ritratti tal-Kunsilli ta' Leġislaturi preċedenti li kienu mwaħħlin, inqalgħu sakemm isir it-tisbiħ u renovazzjoni meħtieġa ġewwa li Kunsill Lokali. Għalhekk għamlet talba sabiex dawn ir-ritratti għandhom jerġgħu jitwaħħlu.

5.24.6.5 **Ħarġiet Kulturali**

Is-Sa Chircop infurmat il-Kunsill li għall-bidu ta' Lulju 2024 ser torġanizza ħarġa għall-Sqallija u hemm pjanat ukoll ħarġa oħra għall-irġiel.

**Is-Sur Vince Bongailas, Vici Sindku**

5.24.6.6 **Maratona**

Is-Sur Bongailas qiegħed jiddiskuti ma' ghaqdiet sabiex tiġi organizzata maratona għal ġbir ta' fondi b'risq persuna fil-bżonn.

**5.24.7** **Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**5.24.8** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

Ma kienx hemm.

**5.24.9** **Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**5.24.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**5.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fis-5.25pm in wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 ta' April 2024, fl-12.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 17 t' April 2024.

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Etienne Scicluna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |